**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 15 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**-vs-**
**Joseph Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 431378M**

**Kumpilazzjoni Nru. 698/2012.**

Il-Qorti,
Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit u ċioè:

a) nhar it-08 ta' Lulju, 2012, ghal habta tal-17:20 hrs ta' wara nofsinhar, gewwa razzett li jinstabb gewwa triq il-Kbira, Naxxar, bil-hsieb li jikommetti serq bil-lok, valur, u mezz, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ghad-detriment ta ***Carmel Calleja*** liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

b) nhar it-08 ta' Lulju, 2012, u fil-granet ta qabel, saq vettura tat-tip **Opel Omega**, bin-numru tar-registrazzjoni **KBJ257**, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmi vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Ukoll talli talli fl-istess lok data hin, cirkustanzi u granet qabel minghajr ma kellu licenza tas-sewqan mil-Pulizija jew mil-Aworita` Dwar it-Transport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din

il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta Malta

d) Ukoll talli talli fl-istess lok, data hin, u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti Kriminali (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr E Grima LLD nhar id-19 ta' Gunju, 2012, f'dan illi ma jwettaqx reat iehor waqt li kien taht 'bail' (liberta) kontra l-limitazzjonijiet imposti f'dan id-digriet u dan bi ksur ta l'artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

e) ukoll talli talli fl-istess lok, data hin, u cirkustanzi wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabbu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien;

f) talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ;

g) talli kkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza datata 26 ta' Gunju, 2012, liema sentenza hi definittiva.[1]

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta htija, l-imsemmi ***Joseph Zammit*** jhallas lil partijiet offiza dak l'ammont ta flus li jista jigi stabbilit mil-Qorti f'dik id-direttiva bhalla kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija ***Carmel Calleja***, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi ***Joseph Zammit***, u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif stipulat fl'artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

[1] Akkuza mizjuda b'awtorizazzjoni tal-Qorti. Vide verbal tat-12 ta' Settembru, 2012; fol.85

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Lulju, 2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fid-19 t'April, 2016.

Illi l-imputat jinsab mixxli pimarjament b'tentattiv ta' serqa minn ghalqa fin-Naxxar.

Illi l-ispettur investigattiv **Josric Mifsud** xehed kif l-Pulizija tal-Ghassa tan-Naxxar kienu gew infurmati minn Carmel Calleja li kien ghadu kemm ra persuna li dahhlet gol-razzett tieghu fejn ippruvat tisraq generator u mutur, izda lahqet harbet. Minn gewwa l-post instab karkur li kien jappartjeni lil din il-persuna. Fuq il-post kienet giet nnutata vettura Opel bin-numru KBJ257 li investigazzjonijiet zvelaw li din kient tappartjeni li Christopher Attard li minn naha tieghu kien stqarr li kien bieghha lil certu Joseph Zammit maghruf bhala *'il-fuxu'.* L-ispettur kien ta ordni sabiex Pulizija jibqa ghassa mal-vettura u waqt li is-scene of crime officers kienu ghaddejjin b'xogholhom wasal fuq il-post Zammit li gie arrestat. Minn search fil-vetura instabu diversi ghoddod. Lill-imputat ittiehditlu stqarrija fejn ftit wara allega li bela' xi pilloli u beda jinxtehet mal-art. Ittiehed l-Isptar fejn gie ccertifikat li kien b'sahhtu u ghalhekk issoktat l-interrogazzjoni tieghu fejn hu ammetta l-involviment tieghu fil-kaz izda tenna li ma kienx jaf dak li kien bi hsiebu jisraq.[2] Riprodott l-Ispettur kkonferma li l-imputat kien ammetta mieghu li kien qabez ghal go ghalqa u li kien ghal dan il-fatt li ma saritx ID Parade. Mistoqsi mid-difiza dwar sahhet l-imputat rrizulta li dan ma kienx taht xi influwenza ta' droga tant li gie rrilaxxjat minn Mater Dei.[3] Fil-hin tal-arrest tieghu li kien mal-lejl id-Detox Centre kien maghluq.[4]

---

[2] Fol.36

[3] Fol.14. Ara ukoll xhieda ta' **Dr Jonathan Zammit** , fol.132-133 fejn ikkonferma li fuq allegazzjoni li kien bela' xi pilloli li wara rrizulta li dawn instabu fuqu, liema pilloli kieku ittiehdu kellhom bhala side effect li jheddluk, meta ezaminat minnu l-imputat *"he was alert and present…deher kompletament, deher tajjeb…Li naf pressjoni kienet tajba u deher konxju, jaf x'inhu jaghmel jigifieri..Kien bil-qeghda kalm fuq is-sodda u kull ma saqsejtu wegibni sew."*

[4] Fol.69-71

Illi l-istqarrija tal-imputat tinsab esebita in atti.[5]L-imputat ghall-ewwel cahad li dahal fl-ghalqa *"Le qatt ma dhalt"* u qal li kien halla l-vettura fuq il-post ghaliex bdiet tigbed l-arja u ma setghetx tistartja. L-istqarrija ssoktat fil-00.25 hrs wara li l-imputat ingieb minn Mater Dei fejn l-imputat ammetta li kien dahal bla hsieb go l-ghalqa biex issib xi parts ghal vettura li kienet waqfitlu. Ra li kien hemm xi oggetti bil-wires u hadhom ghalkemm jghid li ma kienx jaf x'kienu, *"Le ma nafx, xi haga li jahdmu bid-dawl ghax kellhom wire."* Mistqosi ghax ma hax dawn il-kaxxi jghid *"Wahdi kont…Ghax gie ragel, li nahseb huwa sidhom u tgerrixt…..Jiddispjacini ghal li gara."*[6]

Illi **Carmel Calleja** xehed li kien mar jaghlef il-klieb tieghu u sab lill-missieru fuq l-ghatba tal-mithna faccata tar-razzet. Waqaf ikellmu u fid-daqqa u l-hinn sema' tisbita ghal barra, gej mill-ghalqa tieghu. X'hin mar biex jidhol u beda jiftah il-katnazz ra *generator* niezel minn fuq rasu. Lemah persuna li gharafha bhala l-imputat Zammit li harbet. Jghid li l-*generator* swietlu hsara izda l-mutur ma kellux xi hsara. Calleja kien ukoll informa il-pulizija li kien hemm vettura suspettuza li *"m'hix tas-soltu hawn barra licenzja ma ghandhix mal-windscreen."*[7] Il-*generator* kien inxtara minnu ghal madwar LM350. Ingabet stima minn Calleja li turi li l-*generator* kien jiswa €780.[8] Ikkonferma li sab karkur u ddentifikah minn ritratt muri lilu minn PS100 Mifsud.

Illi **Clint Zahra** in rapprezentanza ta' Zahra Enterprises Ltd. kkonferma l-istima maghmula minnu ghal *generator* fl-ammont ta' €780 u esebita fl-atti.[9]

Illi **WPS 100 Lorraine Mifsud** tixhed kif kienet l-Ghassa tan-Naxxar meta giet rappurtata serqa minn razzett quddiem il-Mithna l-kbira li hemm fil-lokal. Meta wasslu fuq il-post is-sid, Carmel Calleja, qal li kien mar biex jaghlef l-klieb li kellu fir-razzett u waqaf ikellem lil missieru faccata tal-grada. Fid-daqqa u l-hin ra il-mutur tad-dawl jaqa' ghal got-triq. Mar jiftah u jilmah ragel qed iwaddab *generator*. Calleja mar biex jiftah u lemah persuna li telqet tigri ghal god-dar biswit. L-istess Calleja stqarr li kien hemm vettura, Opel Omega bin-numru KBJ257, li ma kienitx maghrufa f'dawk l-inhawi u ghalhekk il-Pulizija ghamlet investigazzjonijiet dwarha fejn irrizulta li kienet bla insurance u kienet tappartjeni lil Christopher Attard, *car dealer*. Dan Attard stqarr li kien bieghha lil certu Joseph Attard, 'Il-Fuxu' u anke tahom in-numru tal-ID card tieghu. Mifsud tghid li thallas fixed

[5] Fol.12
[6] Fol.13
[7] Fol.42
[8] Stima a fol.15 mahruga minn Zahra Enterprises Ltd.
[9] Fol.45

point, PC473, mal-vettura minn fejn aktar tard gie ntercettat u arrestat l-imputat. Minn tfittxija fil-vettura, fil-baggoll instabu x'imwies, turnavit u lima. Instab ukoll karkur fejn il-grada.[10]

Illi **PC1375 Stephen Cauchi** kkonferma l-verzjoni moghtija minn PS Mifsud fejn irrakonta dak li saru jafu wara li giet rappurtata s-serqa. PC 950 Alan Buhagiar ikkonferma li fl-ebda hin ma rrizulta li l-imputat kellu bzonn immur id-detox iktar u iktar meta id-detox jaghlaq fil-5pm u l-imputat ittiehed l-Isptar fil-11.30pm minn fejn rrilaxxjat ftit wara.[11]

Illi **PC473 Martin Gatt** xehed li kien ghal xi 7pm meta kien gie ordnat jaghmel ghassa ma vettura li kienet bla cavetta u bit-twieqi mnizzla. Kienu ghal xi 7.40pm meta fuq il-post wasal l-imputat u resaq lejn il-vettura u gie arrestat minnu.[12]

Illi **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li l-vettura kienet tappartjeni lil Christopher Attard ghan-nom ta' Auto Market ta' Haz-Zebbug. Din il-vettura ma kellha ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan u lanqas insurance.[13] Minn naha tieghu **Christopher Attard** jghid li kellu vettura bin-numru KBJ 257 li *"Jiena kont bieghejta lil Joseph Zammit."* izda kull meta kien icempillu sabiex issir it-transfer ma kienx jirrispondieh u t-transfer baqa' ma sarx.[14] Din il-vettura regghet inghatat lilu, ghalkemm ma jirrizultax ghaliex sar dan.

Illi xehdu wkoll is-scene of crime officers **PS 198 Arthur Debattista** u **PS239 Joseph Caruana** li hadu diversi ritratti fuq ix-xena u elevaw karkur li nstab wara l-grada tar-razzett. [15]

Illi Joseph Mallia xehed li ma kienx possibli li jsir analizi komparattiv bejn l-impronti digitali misjuba fuq il-karkur esebit u dawk tal-imputat minhabba li l-marki li gew zvillupati minn fuq il-karkur kienu zghar, imzelgin u nieqsa mill-punti karatteristici necessarji ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni.[16]
Illi dwar is-seba imputazzjoni jirrizulta li d-difiza ssolevat l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* u dan in vista li l-imputat kien gja instab hati tal-istess akkuza fil-5 ta' Frar, 2013, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).[17] Mill-istess sentenza

[10] Fol.39
[11] Fol.67
[12] Fol.72-73
[13] Fol.52 et seq.
[14] Fol.60-62
[15] Fol.87-91; Relazzjoni a fol.92-111
[16] Fol.144 et seq.
[17] Fol.148, Verbal tat-23 t'April, 2013. Is-sentenza tinsab esebita a fol. 153

jirrizulta li din l-eccezzjoni tapplika anke rigward ir-raba imputazzjoni u dan tenut kont tal-ewwel akkuza li taghha instab hati bl-istess sentenza. Ghalkemm dwar din ir-raba imputazzjoni ma giet sollevata ebda eccezzjoni, tenut kont li l-principju ta' *ne bis in idem* hu dritt fundamentali tal-bniedem mhares mill-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Qorti hi fid-dover li taghmel dan ex officio.

Illi wara li bl-istess sentenza l kien gie revokat l-helsien mill-arrest tieghu rega' inghatalu dan il-beneficcju b'digriet tal-5 ta' Settembru, 2013.[18] Il-kawza kienet giet differita ghal provi difiza fis-17 ta' Settembru, 2013.[19] Kien biss fit-8 ta' Marzu, 2016 meta din il-Qorti kif preseduta, ordnat l-arrest tal-imputat wara li rrizulta li ghalkemm debitament notifikat ma kienx deher ghal udjenza mizmuma f'dak il-jum. L-imputat deher ghal-udjenza tad-19 t'April 2016[20] izda rega' naqas milli jidher ghall-udjenza tal-4 u ta' Mejju, 2016[21] u tal-5 t'Awissu 2016.[22]

Illi mill-atti processwali ma jifdal ebda dubbju li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjoni gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi filwaqt li l-imputat qed jigi liberat mir-raba u mis-seba imputazzjoni minhabba il-principju legali fundamentali u dritt kostituzzjonali ta' *ne bis in idem.*

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-fedina penali voluminuza tieghu li tohloq preokupazzjoni serja ghal-Qorti peress li huwa lampanti li l-imputat ghazel li jibqa jghix hajja ta' kriminalita` minghajr rimors jew hegga biex jibdel hajjtu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(3), 279, 280, 287 u 289 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta tal-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 3(1)(2)(c), (2A) tal-Kap.104 Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tal-hames u tas-sitt imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, u tikkundannah ghal erba snin prigunerija u multa' ta' sitt elef ewro.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja thallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' €623.43 rapprezentanti spejjez peritali.

---

[18] Fol.171
[19] Fol.175
[20] Fol.186
[21] Fol.189
[22] Fol.228

F'kaz ta' kwalunkwe nuqqas ta' hlas tal-multa jew tal-ispejjez peritali, dawn l-ammonti jkunu konvertibbli fi prigunerija.

Inoltre' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn dik id-data li jkun skonta kwalunkwe sentenza ta' prigunerija mposta fuqu.

Fl-ahhar nett u biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Carmel Calleja, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**